32001D0520

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-9 ta' Lulju 2001

dwar in-nuqqas ta' inklużjoni tal-*parathion* f'Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom din is-sostanza attiva

(notifikata taħt id-dokument numru Ċ(2001) 1772)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2001/520/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti tal-protezzjoni tal-pjanti [1], kif l-aħħar emendata permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/36/KE [2], u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu ta' Artikolu 8(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3600/92 tal-11 ta' Diċembru ta' l-1992 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel fażi tal-programm ta' xogħol imsemmi f'Artikolu 8(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti [3], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 1972/1999 [4], u b'mod partikolari Artikolu 7(3A)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE pprovda sabiex il-Kummissjoni tkun tista' twettaq il-programm ta' xogħol għall-eżaminazzjoni tas-sostanzi attivi wżati fil-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li kienu diġà fis-suq fil-15 ta' Lulju 1993. Regoli dettaljati għat-twettiq ta' dan il-programm ġew stabbiliti fir-Regolament (KEE) Nru 3600/92.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 933/94 [5], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2230/95 [6], semma s-sostanzi attivi li għandhom jiġu stmati fil-qafas tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92, ħatar Stat Membru sabiex jaġixxi ta' relatur fir-rigward ta' l-istima ta' kull sostanza u identifika l-produtturi ta' kull sostanza attiva li bagħtu notifikazzjoni fiż-żmien stabbilit bi qbil ma' Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92.

(3) Il-*parthion* huwa wieħed mid-90 sostanza attiva msemmija fir-Regolament (KE) Nru 933/94.

(4) F'konformità ma' Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92, l-Italja, maħtura bħala l-Istat Membru relatur, ippreżentat lill-Kummissjoni nhar it-30 ta' Novembru ta' l-1998, rapport ta' l-istima tagħha ta' l-informazzjoni preżentata min-notifikaturi bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 6(1) ta' dan ir-Regolament.

(5) Malli rċeviet ir-rapport ta' l-Istat Membru relatur, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjonijiet ma' l-esperti ta' l-Istati Membri kif ukoll man-notifikatur ewlieni (Cheminova) kif għalihom hemm provdut f'Artikolu 7(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92.

(6) Ir-rapport ta' l-istima ppreparat mill-Italja ġie eżaminat mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fil-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti. Din l-istima ġiet finalizzata nhar it-12 ta' Diċembru 2000 fil-format tar-rapport ta' reviżjoni tal-Kummissjoni għall-*parathion*, bi qbil ma' Artikolu 7(6) tar-Regolament (KEE) Nru 3600/92.

[1] ĠU L 230, tad-19.8.1991, p. 1.
[2] ĠU L 164, ta' l-20.6.2001, p. 1.
[3] ĠU L 366, tal-15.12.1992, p. 10.
[4] ĠU L 244, tas-16.9.1999, p. 41.
[5] ĠU L 107, tat-28.4.1994, p. 8.
[6] ĠU L 225, tat-22.9.1995, p. 1.

(7) Stimi magħmulin fuq il-bażi ta' l-informazzjoni ppreżentata ma wrewx li jista' jkun mistenni li, taħt il-kondizzjonijiet ta' użu proposti, prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom il-*parathion* jissodisfaw il-ħtiġiet ġenerali stabbiliti f'Artikolu 5(1)(a) u (b) tad-Direttiva 91/414/KEE, b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mas-sigurtà ta' operaturi li jistgħu jiġu esposti għall-*parathion* u għal dak li għandu x'jaqsam mad-destin u ma' l-imġieba tas-sostanza fl-ambjent u l-impatt possibbli tagħha fuq l-organiżmi mhux fil-mira.

(8) In-notifikatur ewlieni nforma lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru relatur li huwa ma xtaqx iżjed jipparteċipa fil-programm ta' ħidma għal din is-sostanza attiva, u għalhekk mhiex sejra tiġi preżentata aktar informazzjoni.

(9) Għalhekk mhuwiex possibbli li din is-sostanza attiva tiġi inkluża f'Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

(10) Kull perjodu supplimentari għall-qerda, ħżin u tqegħid fis-suq u użu ta' ħażniet eżistenti ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom il-*parathion* permessi mill-Istati Membri, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE għandu jkun limitat għal perjodu mhux itwal minn 12-il xahar sabiex ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw f'mhux iktar minn staġun ta' tkabbir wieħed.

(11) Din id-Deċiżjoni ma tippreġudikax kwalunkwe azzjoni li l-Kummissjoni tista' tieħu f'fażi iktar tard għal din is-sostanza attiva fl-istruttura tad-Direttiva tal-Kunsill 79/117/KEE ([1]).

(12) Il-miżuri li għalihom hemm provdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-*parathion* mhuwiex inkluż bħala sostanza attiva f'Anness I għad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li:

1. jiġu rtirati l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom il-*parathion* fi żmien perjodu ta' sitt xhur mid-data ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni preżenti;
2. mid-data ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni preżenti ma tingħata jew ma tiġi mġedda ebda awtorizzazzjoni għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom il-*parathion* taħt id-deroga li hemm provdut għaliha f'Artikolu 8(2) tad-Direttiva 91/414/KEE.

Artikolu 3

Kull perjodu supplimentari mogħti mill-Istati Membri bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' Artikolu 4(6) tad-Direttiva 91/414/KEE, għandu jkun qasir kemm jista' jkun u mhux itwal minn 18-il xahar mid-data ta' l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula Brussel, fid-9 ta' Lulju 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

([1]) ĠU L 33, tat-8.2.1979, p. 36.